MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-19 ta' Dicembru, 2005

Numru 1115/2005

**Il-PULIZIJA**
**SPETTUR ANTHONY PORTELLI**
**SPETTUR VICTOR AQUILINA**

**VS**

**ALFRED SCICLUNA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Alfred Scicluna ta' 35 sena, bin Maurice u Maria nee' Bartolo, imwieled Attard nhar is-27 ta' Lulju, 1970, u residenti fil-fond numru 43, Catalonia, Flat 1, Triq il-Brolli, Birzebbuga, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0446170 (M);

Akkuzat talli fil-Gharghur, nhar is-17 ta' Dicembru, 2005, ghall-habta tad-9.15am, flimkien ma' persuna ohra,

ikkommetta serq mill-fond numru 18, Triq Kromb il-Bahar, Gharghur liema serq huwa kkwalifikat bil-lok, bil-mezz, u bil-valur li jiskorri Lm1,000.00 (elf lira maltin), u dan sar ghad-detriment ta' Carmela Fenech, u persuni ohra;

U aktar talli fl-istess data, hin, u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli immobbli, liema hsara ma tiskorriex il-Lm50.00 (hamsin lira maltin), u li saret ghad-detriment tal-imsemmija Carmela Fenech u persuni ohra;

U fl-ahharnett talli rrendu ruhu recediv *ai termini* tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Appell datati 30 ta' April, 2004, u 12 ta' Dicembru, 1995.

Wara il rat id-dokumenti esebiti

Wara li rat l-Artikoli 49, 50, 261, 263, 267, 269, 289 u 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat, fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi sabiex jikkonsidra din l-istess ammissjoni tieghu.

Wara li rat l-Artikolu 21 tal-Kap 9, u wara li semghet lid-Dififza tiddikjara li llum l-imputat jinsab lest jibda program ta' riabilitazzjoni mill-problema ta' droga.

Din il-Qorti qiegheda ssib lill-imesmmi mputat Alfred Scicuna hati tal-akkuzi kif dedotti kontrieh u tikkundannah ghal perjodu ta' sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' snin *ai termini* tal-Artikolu 28 A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, taht supervizjoni ta' Ufficjal tal-Probation *ai termini* tal-Artikolu 28 G tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta, waqt liema perjdou l-imputat ghandu jattendi ghal programm ta' riabilitazzjoni mid-dipendenza fuq id-droga.

Tordna wkoll li jithallas kumpens ta' hames mitt lira maltin (Lm500.00), lid-derubata Carmela Fenech, *ai termini* tal-

Artikolu 28 H tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------